# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Ottubru 2019

**Rikors Numru : 219/2018 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**LS**

**Vs**

**LF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' LS, datat 13 ta' Awissu 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut u minn din r-relazzjoni kellhom wild bl-isem ta' BFS li twieled fit-2 ta' Marzu 2013 skont ic-certifikat tat-twelid mehmuz u immarkat Dok.LS1.*

*Illi l-attrici fethet proceduri ta' medjazzjoni fil-konfront tal-konvenut permezz ta' ittra numru 433/2018. Illi din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet datat 10 ta' April 2018 laqghet it-talba sabiex jinbdew il-proceduri ta' medjazzjoni.*

*Illi l-medjatur appuntat zew laqghat ghall-medjazzjoni u f'dawn iz-zewg laqghat, il-konvenut dejjem naqas li jidher.*

*Illi fl-ahhar laqgha tal-15 ta' Gunju 2018, il-medjatrici ghalqet il-medjazzjoni u din l-Onorabbli Qorti b'digriet datat 16 ta' Lulju 2018 li koppja hija hawn annessa immarkata Dok. LS2, awtorizzat lill-attrici tipprocedi b'kawza.*

*Illi kemm ilu li twieled it-tifel B, l-attrici dejjem kienet hi li hadet hsieb il-kura u l-*

*kustodja tat-tifel. Kif ukoll dejjem kienet hi li mantniet lit-tifel taghha.*

*Illi l-attrici tiddikjara li taf b'dawn il-fatti hija personalment.*

*Jghid ghalhekk l-istess konvenut l-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:*

1. *Tafda f'idejn r-rikorrenti attrici l-kura u kustodja legali tal-minuri;*

2. *Tikkundanna lil-konvenut sabiex ihallas manteniment xieraq skont il-ligi ghall-istess minuri bil-modalita ta' jum, hin u lok li jigu wkoll iffissati;*

3. *Tordna li r-residenza tal-istess minuri tibqa kif inhi fil-prezent cioe mal-attrici;*

4. *Tordna li c-children's allowance u/jew kull beneficcju iehor rigward l-istess minuri jkunu percepibbli lill-attrici;*

5. *Tordna li l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-istess minuri ta' natura straordinarja ghandhom jithalsu mill-attrici u mill-konvenut;*

6. *Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuratur sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumacia tal-konvenuti;*

7. *Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa ingunt in subizzjoni*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat ghalkemm hu debitament notifikat, huwa baqa' ma rrispondix ghalhekk huwa kontumaci (Vide fol 43);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 24 ta' Mejju 2019, permezz ta' liema l-Qorti akkordat il-fakolta lil intimat sabiex jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu ai termini ta' Art. 158(10) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

**Ikkonsidrat;**

**LNS** xehdet a fol 32 *et seqq* illi hija omm l-attrici, u li l-attrici kienet f'relazzjoni mal-konvenut, mill-liema relazzjoni twieled il-minuri BFS li ghandu sitt snin. Spjegat illi l-minuri dejjem ghex mal-attrici ommu, flimkien max-xhud. Kompliet li wara xi sentejn li twieled il-minuri, f'liema zmien il-konvenut kien jghix maghhom, beda jinqala' l-inwkiet bejn il-partijiet, fejn xi drabi l-konvenut anke refa' idejh fuq l-attrici, u kien ghalhekk li hi kienet taghti parir lil bintha sabiex itemm ir-relazzjoni taghha mal-konvenut. Xehdet li l-attrici finalment temmet ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet xi sena u nofs ilu.

Xehdet illi dak iz-zmien il-konvenut ma kienx ihallas manteniment, izda kien jaghti xi flus ghall-ispejjez tal-minuri lill-attrici. Spjegat illi pero minn mindu gie prezentat dan ir-rikors, il-konvenut ma ghamel l-ebda hlasijiet versu l-htigijiet tal-minuri, u ma juri l-ebda interess fih. Ziedet li filfatt kienet qed tkun in-nanna paterna li tmur ghall-minuri u toqghod mieghu, u mhux il-konvenut, li lanqas biss ghadu jcempel lit-tifel.

**LS** xehdet permezz t'affiavit a fol 5 u *viva voce* a fol 36 *et seqq* illi l-partijiet kellhom relazzjoni li minnha twieled il-minuri B wara cirka sena u nofs. Spjegat illi wara li twieled it-tifel beda jkun hemm hafna inkwiet bejn il-partijiet u kienu jiggieldu ta' sikwit izda hi kienet tibza titilqu peress illi kienet ghadha zghira u kellhom tarbija. Spjegat illi l-konvenut kien jghix flimkien maghha, t-tarbija u ommha sa xi sentejn wara t-twelid tal-minuri.

Qalet illi dawn l-ahhar tlett xhur il-konvenut ma kienx qed imur ghat-tifel ghall-access, u minflok kienet qed tiehdu n-nanna paterna, u li lanqas kuntatt permezz ta' telefon ma qieghed jaghmel mal-minuri. Xehdet illi filfatt, il-gurnata ta' qabel stess kienet ghada kif cemplitlu sabiex it-tifel ikun jista' jawgura lil missieru peress illi kien eghluq sninu, izda l-konvenut ma wiegibx, u li aktar kmieni dik il-gimgha il-minuri kien cempel lill-konvenut sabiex il-konvenut imur jarah il-*football* u l-konvenut ukoll ma wiegibx. Spjegat illi f'dawk id-drabi fejn il-kovenut iwiegeb, ma jkunx

hemm komunikazzjoni bejnu u bejn il-minuri, tant illi l-konvenut jghidilha biex taqta'. Ziedet illi anke meta xi drabi tibghat messagg lill-konvenut sabiex icempel lit-tifel, huwa ma jirrispondix.

Xehdet illi hija impjegata u ghandha introjtu nett ta' €441 kull hmistax. Spjegat illi hija tonfoq cirka €50 fil-gimgha ghall-bzonnijiet tat-tifel, u dan eskluz l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni u s-sahha tieghu. Qalet illi meta kienu ghadhom flimkien il-konvenut ma kienx ihallas manteniment, izda kien jaghtiha l-flus ghal xi spejjez jekk hi titolbu. Xehdet li minn Jannar pero l-konvenut waqaf ihallas flus ghall-htigijiet tat-tifel. Xehdet illi eventwalment kienet ottjeniet digriet mill-Qorti fejn il-konvenut gie ordnat ihallas €250 fix-xahar bhala manteniment ghal minuri, ghalkemm gieli kien jaghtiha €200. Ziedet li pero, l-konvenut ma hallasx il-manteniment kif ordnat minn Jannar 2019.

**Ikkonsidrat;**

Illi din hija sentenza wara talba maghmula mir-rikorrent sabiex din il-Qorti, *inter alia,* takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri BFS, iben il-partijiet, u tiffissa xieraq manteniment ghall-minuri.

<u>Rigward il-kura u kustodja tal-minuri</u>

Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza, l-kura u kustodja tat-tfal hija rregolata mill-principju tal-aqwa interess tat-tfal, u l-aqwa' utilita u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> ***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Skont is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Frar 2018:[1]

> **"*Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili10. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata.""***

Jirrizulta illi l-partijiet kienu f'relazzjoni mill-liema relazzjoni kellhom lil minuri B, li llum il-gurnata ghandu sitt snin. Din ir-relazzjoni sfaxxat u mill-provi prodotti jirrizulta l-intimat ma juri l-ebda interess fil-hajja ta' ibnu. Huwa m'huwiex qieghed jezercita aċċess, tant illi qed tkun in-nanna paterna li tezercita access mal-minuri minflok il-konvenut. Jirrizulta inoltre mill-provi prodotti mir-rikorrenti u mhux kontradetti, illi l-intimat ma jikkontribwixxi xejn lejn il-manteniment tal-minuri, u li r-rikorrenti sahansitra ssibha difficli sabiex tikkuntatjah peress illi ma jirrispondix it-telefon, u lanqas ma ssibu d-dar meta tmur thabbatlu l-bieb.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **F T K P D vs R K P G** deciza fit-22 ta' Marzu 2018, fejn f'cirkostanzi simili din il-Qorti diversament presjeduta kienet ikkonsidrat illi l-Artikoli 56 u 56A tal-Kodici Civili huma applikabbli u relevanti anke fil-kuntest ta' talba minn genitur sabiex jigi fdat esklusivvament bil-kura u kustodja ta' ulied minuri li ma ssirx f'separazzjoin, u kienet *ex officio* cahhdet lill-missier fil-awtorita ta' genitur sabiex din l-awtorita tkun ezercitata esklussivament mill-omm:

> **"*Il-Qorti, wara li ezaminat ic-cirkostanzi partikolari kollha ta' dan il-kaz, b'mod partikolari li l-missier abbanduna lill-minuri b'mod assolut, tiddikjara li jezistu l-estremi sabiex iccahhad lill-missier mill-awtorita' ta' genitur sabiex tali awtorita' tigi ezercitata esklussivament mill-omm.*"**[2]

Il-Qorti rat ukoll illi skont l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili:

[1] Rik. Gur. 39/17
[2] Rik. Gur. nru. 192/16 RGM.

"***B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, il-Qorti tista', jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordijiet dwar il-persuna jew il-propjeta' ta' persuna li tkun taht l-eta' kif jidrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel.***"

Il-Qorti taghraf illi f'cirkostanzi normali, iz-zewg genituri ghandhom rwol importanti fil-hajja u fit-trobbija ta' uliedhom, u ghalhekk l-ebda wiehed mill-genituri m'ghandhu jigi eskluz mit-trobbija tal-ulied sakemm ma jkunx hemm ragunijiet serji li jwasslu lil Qorti li tiehu mizura daqshekk drastika. Izda kif inghad, f'din il-materja il-Qorti tigi gwidata mill-ahjar interessi tal-minuri, u ghalhekk il-Qorti ghandha tezamina, jekk fic-cirkostanzi, huwiex fl-ahjar interess tal-minuri illi xi hadd mill-genituri ghandu jigi zvestit mill-awtorita ta' genitur.

Il-Qorti rat illi l-konvenut abbanduna ghal kollox lil ibnu, tant illi lanqas imqar juri interess fil-proceduri gudizzjarji li ntavolat l-attrici kontra tieghu relattivi ghall-minuri, apparti illi ma jarahx, ma jistaqsix dwaru, u lanqas ma ghadu jikkontribwixxi finanzjarjament ghat-trobbija tieghu. U dan minkejja illi diga hemm ordni ta' din il-Qorti diversament presjeduta rigward il-manteniment *pendente lite.* Dan l-abbandun minn naha tal-konvenut ta' ibnu jpoggi lill-attrici f'sitwazzjoni difficli f'dak li ghandu x'jaqsam mad-decizjonijiet illi talvolta jkun hemm bzonn li jittiehdu fir-rigward tal-minuri, peress illi l-konvenut jaghmilha mpossibbli ghaliha li taghmel kuntatt mieghu. Il-Qorti tqis li ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri li ommu ikollha tirrikorri ghall-proceduri gudizzjarji f'kull sitwazzjoni fejn jista' jkun hemm bzonn il-firma ta' missieru, bhal per ezempju xi vjagg skolastiku edukattiv, jew xi decizjonijiet fl-ambitu mediku.

Il-Qorti ghalhekk hija konvinta illi jezistu l-estremi sabiex il-konvenut jigi mcahhad mill-awtorita ta' genitur, sabiex din tigi ezercitata esklussivament mill-attrici ommu.

<u>Dwar il-manteniment ghall-ulied il-partijiet</u>

Il-Qorti taghraf illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

"***Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk***

> ***l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom.*"**

Il-Qorti rat illi ma tressqet l-ebda prova dwar l-introjtu jew il-mezzi tal-konvenut. Izda kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet:

> **"*...il-Qorti dejjem irritjeniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita' tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabilita` tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat.*"**

Il-Qorti rat ukoll illi skont ix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici, hija mpjegata u ghandha introjtu ta' €441 nett kull hmistax, u ghalhekk cirka €882 fix-xahar. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Mejju 2015, liema ragunament kien gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016:

> **"*Il-Qorti qieghda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta' fatt min-natura tieghu jillimita l-potenzjal ta' kemm l-omm tista' ddum barra mid-dar sabiex tiggenera dhul.*"**

Il-Qorti taghraf ukoll illi t-trobbija tal-ulied mill-genitur li mieghu jew maghha jirrisjedu diga giet rikonoxxuta mill-Qrati Maltin bhala kontribut versu l-manteniment dovut ghalihom skont il-ligi. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> **"*tenut kont tal-fatt li, t-tfal qed ikunu aktar mal-attrici milli mal-konvenut, l-oneru tat-trobbija waqa' kwazi kollu fuqha u minn dan l-aspett hija qed taghti kontribut sostanzjali, inkluz dak mhux finanzjarju, ghal-manteniment taghhom.*"**

Il-Qorti rat illi l-attrici qed trabbi lil iben il-partijiet kompletament waheda. Dan tant illi mhux talli l-konvenut mhux qed jaghmel l-ebda tip ta' kontribut fit-trobbija tal-minuri u qed icahhdu mill-presenza ta' missier f'hajtu, iżda lanqas qieghed jaghmilha possibli ghall-attrici li jkollha kuntatt mieghu. Ghalhekk l-oneru tat-trobbija tat-tifel waqa' kollu fuq spallejn l-attrici. Il-Qorti tqis ghalhekk illi l-attrici trid trabbi lil iben il-partijiet wahedha, liema stat ta' fatt jillimita l-kapacita taghha li tiggenera introjtu akbar minn dak li ghandha fil-prezent. Apparti dana kollu hija qed taghmel kontribut non-finanzjarju sostanzjali fil-manteniment tal-minuri. Dan ghalhekk huwa fattur li fil-fehma tal-Qorti ghandu relevanza kbira fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-manteniment li ghandu jkun dovut mill-konvenut.

Ikkonsidrat dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi l-manteniment dovut mill-konvenut ghal minuri ghandu jkun fis-somma ta' €450 fix-xahar, liema ammont jinkludi nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikurali tal-minuri. Dan ghaliex il-Qorti taghraf illi fil-kazijiet fejn il-genitur li jkun qed jiehu hsieb it-trobbija tal-ulied ikollu diffikolta jikkomunika mal-genitur l-iehor, huwa aktar desiderabbli illi jigi akkordat ammont ta' manteniment li jinkludi dawn l-ispejjez tal-ahhar sabiex jitnaqqas il-bzonn ghall-komunikazzjoni, stante illi f'dan il-kaz il-konvenut jirrifjuta li jikkomunika mal-attrici anke fuq kwistjonijiet relatati mal-minuri. Ghalhekk hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi l-manteniment ikun jinkludi sehem il-konvenut mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri, u dan sabiex jigi zgurat illi l-abbandun mill-konvenut ta' ibnu ma jcahhadx lill-minuri minn dak li ghandu bzonn ghall-izvilupp tieghu.

**Ikkonsidrat;**

Illi l-attrici talbet ukoll sabiex din il-Qorti tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta l-eventwali kontumacja tal-konvenut. Din il-Qorti tqis li ma hemmx utilita' ghal tali talba. Galadarba hemm sentenza ta' din il-Qorti li tirregola l-kura u kustodja u l-manteniment tal-minuri ma hemmx bzonn illi jsir ukoll kuntratt, peress illi kuntratt isir fejn il-partijiet jaslu ghal ftehim bonarju fuq l-istess vertenzi.

Ghalhekk il-Qorti tichad din it-talba.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad is-sitt talba attrici:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u t-tielet talba tal-attrici, u tafda l-kura u l-kustodja**

**tal-minuri BFS lil attrici;**

2. **Tordna *ex officio* li l-attrici tezercita wahedha u b'mod esklussiv l-awtorita' ta' genitur fuq binha minuri BFS;**
3. **Tilqa' t-tieni t-talba u tiffissa l-manteniment dovut mill-konvenut ghall-minuri fis-somma ta' erba' mija u hamsin ewro (€450) fix-xahar, liema retta alimentari tinkludi nofs l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha;**
4. **Tilqa' r-raba' talba, u tordna illi c-*children's allowance* u/jew kwalunwke beneficcju iehor rigward l-istess minuri jkunu percepibbli unikament mill-attrici;**
5. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames talba, peress illi l-meritu gie sorvolat billi sehem tal-konvenut mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri gia gew inkluzi fil-likwidazzjoni tas-somma ta' manteniment dovut mill-konvenut.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**